**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 28 ta' Jannar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Luke Bonello**

**Vs**

**David Vella**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra David Vella ta' 35 sena iben Emmanuel u Rosemarie nee' Farrugia imwieled gewwa Pieta' nhar it-18 ta' Lulju 1978 u residenti gewwa 49, Chimes Triq Patri A. Tonna Barthet Pembroke detentur tal-karta ta' l-identita' numru 345478(M);

Talli fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Frar 2013, minn gewwa Wembley Petrol Station, Triq Sant' Andrija, Swieqi u f'dawn il-Gzejjer:

1) Ikkommetta serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur, liema valur jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda ma jaccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u

sebgha u tletin centezmu (2,329.37), ghad-detriment ta' Jeremy Bonello;

2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imam izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), ghad-detriment ta' Jeremy Bonello.

3) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' *probation* jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hekk kif moghtija nhar it-12 ta' April 2011, mill-magistrat Dr. A. Mizzi, liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat ic-certifikat tal-mewt tal-imputat esebit fl-atti;

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 263, 267, 270, 275,289 tal-Kap 9 u l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda tiddikkjara l-procediment ezawrit.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**